# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**vs**
**Stephen Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Azzopardi, ta' 34 sena, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 72785(M).

Akkuzat talli fix-xhur ta' qabel is-07 ta' Ottubru, 2004 gewwa numru 33, Triq Birgheliem, Hal Tarxien, volontarjament hassar, jew gharraq jew ikkaguna hsara lil propjeta privata, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal LM165.20 u cioe' iktar minn hamsin Lira Maltin (LM50) izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad-dannu ta' Christine Attard minn Hal Tarxien fuq il-bieb tar-residenza u dana bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba illi barra l-piena stabbilita tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil dinil-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi x-xhud principali f'dawn il-proceduri, Christine Attard, ghazlet li tipprevalixxi ruhha mill-fakolta li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi fin-nuqqas tad-depozizzjoni ta'l-imsemmija Christine Attard hija nieqsa l-aktar prova importanti in sostenn ta'l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, liema imputazzjoni ghalhekk ma tistax tirrizulta. Ghal kull buon fini jigi rilevat li l-imputat seduta stante hallas lill-parte leza ammont bonarjament miftiehem bhala kumpens.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**